MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 455/2004

**Olvin Noel GALEA personalment u bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjeta' Jet Forwarding Limited**

**vs**

**KUMMISSARJU TAT-TAXXI INTERNI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-22 ta' Ġunju, 2004, li bih ir-rikorrenti ippremettew;

1. Illi l-esponenti huwa direttur tas-soċjeta' Jet Forwarding Limited;

2. Illi fis-sbatax (17) ta' Ġunju 2004, Marius Scerri kuġin tal-esponenti rċieva ittra uffiċjali maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u datata 15 ta' Ġunju 2004 hawn annessa u mmarkata Dok. A;

3. Illi fl-imsemmija ittra uffiċjali l-Kummissarju tat-Taxxi Interni interpella lill-esponenti sabiex jħallas is-somma ta' tmintax-il elf u erba' mija u sebgħin Lira maltin u sitta u sebgħin ċenteżmu (Lm18474.94) in kwantu għal

    - Lm 16859.12 bħala somma stabbilita mill-Kummisarju tat-Taxxi Interni skond l-Artiklu 126 ta-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, u kwantu għal

    - Lm 520 bħala Taxxa Addizzjonali imposta skond ir-Regola 24(1) tar-Regoli ta' l-1998 dwar il-Final Settlement System u l-Att ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa; u kwantu għal
    - Lm 1095.84 bħala Kontribuzzjoni Addizzjonali imposta skond l-Artikolu 116(1)(b) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta;

U dan għall-perijodu sena bażi minn Mejju 2003 sa Diċembru 2003

4. Illi l-esponenti ai termini tal-Artikolu 116(2) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħed jikkontesta l-ħlas tal-ammonti ta' Lm 16859.12 u Lm 1095.84 kif stabbilit fl-ittra uffiċjali maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-15 ta' Ġunju 2004, u dan stante l-istima maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija waħda eżaġerata u mhux korretta;

5. Illi l-esponenti għandu jagħti s-somma ta' erbat elef u tmien mija u disa' u ħamsin Lira maltin u erba' u ħamsin ċenteżmu (Lm4859.54) skond id-dokumenti tal-FS5 hawn annessi u mmarkati Dok. B1 sa B8;

6. Illi l-esponenti jħallas 'average' ta' sitt mitt Lira maltin (Lm600) fix-xahar bħala taxxa tas-Sigurta' Soċjali lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni stante li l-kumpannija Jet Forwarding Limited timpjega mas-seba' minn nies bħala 'full-time'.

7. Illi dawn l-ammonti jistgħu jiġu kkonfermati wkoll mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni;

8. Illi kemm mid-dokumenti esebiti ma' dan ir-rikors, mir-'records' tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni w kif jista' joħroġ aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża għandu jirriżulta b'mod ċar illi s-somma dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni m'hijiex ta' sbatax-il elf erba' u ħamsin Lira Maltin u sitta u sebgħin ċenteżmu (Lm17054.76) kif mitlub fl-ittra uffiċjali (Dok. A) iżda ta' erbat elef u tmien mija u disa' u ħamsin Lira maltin u erba' u ħamsin ċenteżmu (Lm4859.54);

9. Illi l-esponenti qed jikkontesta ukoll il-ħlas tas-somma ta' Lm520 iżda dan permezz ta' proċeduri differenti ai termini tar-regolament 24 tal-Att 88 tal-1988;

10. Illi l-esponenti ai termini tal-Artikolu 116(2) (b) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħed jindika s-segwenti bħala x-xhieda tiegħu:

    a) L-esponenti għall-konferma tal-fatti u biex jixhed ulterjorment;

    b) Kevin Mifsud għall-konferma tal-fatti u biex jixhed ulterjorment;

    c) David de Marco (Financial Controller tal-kumpannija Jet Forwarding Limited) għall-konferma tal-fatti u biex jixhed ulterjorjorment;

    d) Laurence Scicluna impjegat mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni sabiex jixhed dwar il-ħlasijiet magħmula mis-soċjeta' Jet Forwarding Limited għal dak li jirrigwarda taxxa tas-Sigurta' Soċjali;
    e) Rappreżentant tal-ETC sabiex jixhed dwar kemm kienu impjegati nies mas-soċjeta' Jet Forwarding Limited fix-xhur ta' Mejju sa Diċembru 2003;

    f) Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni in subizzjoni.

Għaldaqstant, l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandiex:

Tnaqqas is-somma ta' sbatax-il elf, erba' u ħamsin Lira Maltin u sitta u sebgħin ċenteżmu (Lm17054.76) kif mitlub mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-ittra uffiċjali (Dok.A) għas-somma ta' erbat elef u tmien mija u

disa' u ħamsin Lira Maltin u erba' u ħamsin ċenteżmu (Lm4859.54) għar-raġunijiet fuq premessi, bl-ispejjeż kontra l-intimat, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Rat id-disa' (9) dokumenti mehmużin mal-istess Rikors;

Rat illi l-imsemmi att ġie notifikat kif imiss lill-intimat[1], li naqas li jressaq Tweġiba għar-Rikors fiż-żmien ta' ħmistax-il jum preskritti mil-liġi li taħtha r-Rikors tressaq;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tar-rikorrenti dwar il-kontumaċja tal-intimat;

Semgħet ix-xiehda dipartimentali dwar in-notifika tal-atti;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-28 ta' Lulju, 2004, li bih ħalliet ir-Rikors għal-lum għall-provvediment dwar il-kontumaċja tal-intimat;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-azzjoni hija waħda maħsuba taħt l-artikolu 116 tal-Att dwar is-Sigurta' Soċjali (Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta), fejn ir-rikorrenti ħassewhom aggravati b'ittra uffiċjali tal-15 ta' Ġunju, 2004[2],

[1] Paġ. 14 *tergo* tal-atti
[2] Paġ. 3 tal-atti

mibgħuta mill-intimat u mehmuż ma' liema ittra uffiċjali kien hemm Avviż ta' Talba għall-Ħlas dwar Kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Soċjali li allegatament l-istess rikorrenti naqsu li jħallsu dwar impjegati tal-kumpannija għaż-żmien bejn Mejju u Diċembru tal-2003, u Taxxa Addizzjonali imposta minħabba n-nuqqas li jintbagħtu f'waqthom il-formoli tat-taxxa u r-rimessi tal-kontribuzzjonijiet imsemmija;

Illi l-proċedura mfassla mil-liġi għal din il-għamla ta' azzjoni hija mfissra b'mod ċar u dettaljat fl-imsemmi artikolu. Ir-rikorrenti jisħqu li l-intimat waqa' kontumaċi u dan billi naqas li jressaq Tweġiba fiż-żmien li tagħtih il-liġi;

Illi għandu jingħad ukoll li għalkemm l-artikolu 116 tal-Kap 318 jitkellem dwar il-ħtieġa li r-Rikors u l-Avviż tas-Smigħ jiġu "notifikati lid-Direttur mingħajr dewmien", il-liġi nnifisha fl-artikolu 2, tfisser li, għall-finijiet tal-artikolu 116, "Direttur" m'huwiex biss id-Direttur (Sigurta' Soċjali), iżda tista' tgħodd magħha wkoll lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni "jew **kull wieħed** minnhom skond ma jkun jeħtieġ il-każ". Fil-verżjoni ingliża tal-istess artikolu tintuża l-frażi "*or **each** of them, as the case may require*";

Illi l-atti tar-Rikors ġew notifikati kif imiss lill-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni fit-2 ta' Lulju, 2004. Madankollu, ix-xiehda Lawrence Scicluna u Kitienne Camilleri fissru li l-karti kienu waslu f'taqsima tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni li m'għandhomx x'jaqsmu la mal-eżekuzzjoni ta' talbiet (*claims*) dipartimentali, u lanqas mal-ipproċessar ta' proċeduri ġudizzjarji, u għalhekk it-Tweġiba ma tressqitx fil-ħin;

Illi jiġi osservat li l-intimat baqa' sal-lum ma ressaq l-ebda Tweġiba u lanqas saret talba lil din il-Qorti biex l-intimat jitħalla jressaq att bħal dan;

Illi, f'dan il-każ, ir-raġunijiet imsemmijin mix-xiehda dipartimentali bħala dawk li minħabba fihom it-taqsima partikolari tad-Dipartiment naqset li tressaq Tweġiba ma jistgħux jitqiesu bħala raġunijiet tajbin. Il-Qorti hi konvinta li l-fatt li xiħadd jilqa' għandu notifika ta' atti ġudizzjarji u mbagħad, meta jara li jkunu "jinteressaw" taqsima dipartimentali oħra, jitlaq dawk l-atti mingħajr ma jgħaddihom lill-persuna li lilha jikkonċernaw, għandu jitqies bħala għamil traskurat u irresponsabbi li jista' jnissel effetti drastiċi u negativi għall-persuna li lilha l-atti ġudizzjarji jkunu indirizzati. B'danakollu, il-fatt waħdu li tkun saret notifika li tiswa mingħajr ma l-atti jkunu għaddew fi żmien xieraq u utli f'idejn il-persuna intimata, ma jġibx b'daqshekk biss l-effett li tali persuna intimata ma tistax titħalla tiġġustifika l-kontumaċja tagħha[3];

Illi huwa stabilit mill-ogħla Qrati tagħna[4] li "il-kolpa tikkonsisti fl-omissjoni tal-konvenut li, in konformita' mad-doveri imposti mil-liġi, jonqos li jagħmel l-arranġamenti neċessarji, fid-dar u fil-post tax-xogħol, biex jaslu għandu l-ittri reġistrati li jaslulu, jew meta jagħmel dawk l-arranġamenti imbagħad jonqos li jsir jaf b'dak li suppost ikun jaf. . . . Il-każijiet fejn ikun hemm nuqqasijiet pruvati tat-terzi persuni li jirċievu l-atti bil-posta, jitolbu konsiderazzjoni oħra, u li jridu jiġu risoluti skond il-konkretezza ta' kull każ";

Illi, madankollu, minħabba li l-proċedura mibdija bir-Rikors preżenti hija waħda kontra Dipartiment tal-Gvern, il-Qorti ma tistax ma tqisx li min jirrikorri għal proċedura bħal din għandu jħarisha sewwa, l-iżjed

---

[3] Ara App Ċiv **12.12.1975** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi*** (mhix pubblikata) u P.A. **19.2.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Mizzi noe vs Direttur tax-Xogħlijiet*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.451**)
[4] Ara, App. Kumm. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Delċeppo vs Onor. Ray Bondin et pro et noe*** (mhix pubblikata)

fejn tali proċedura tkun waħda maħsuba b'liġi speċjali. Dan qiegħed jingħad għaliex, minkejja li n-notifika li saret kienet tiswa, jitqanqlu dubji mhux traskurabbli dwar kemm tali notifika hija sħiħa għall-finijiet tal-proċedura preżenti, u aktar u aktar għall-finijiet ta' dan il-provvediment;

Illi f'dan ir-rigward – u mingħajr ma l-Qorti qegħda tgħaddi ġudizzju dwar is-siwi tal-proċedura kif mibdija – irid jingħad li l-artikolu 116 tal-Kap 318 jgħid li l-kontestazzjoni trid issir kontra d-Direttur. Minħabba dak li semmiet din il-Qorti aktar qabel dwar it-tifsira tal-kelma "Direttur", jidher li l-leġislatur irid li, fil-każ ta' proċedura taħt l-artikolu 116 (li jissemma speċifikatament fil-*proviso* tat-tifsira tal-kelma "Direttur") id-Direttur **(**Sigurta' Soċjali**)** jkun notifikat **ukoll** bl-atti tar-Rikors. Dan jingħad minħabba li l-pretensjoni magħmula kontra r-rikorrenti fl-ittra uffiċjali tal-15 ta' Ġunju, 2004, kienet tinkludi pretensjonijiet dwar kontribuzzjonijiet ta' Sigurta' Soċjali u mhux biss dwar taxxa addizzjonali li hija materja li taqa' taħt il-mansjoni esklussiva tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni. Fi kliem ieħor, dan huwa każ fejn, fi kliem il-liġi, "Direttur" tfisser kemm il-Kummissarju tat-Taxxi Interni u kif ukoll id-Direttur (Sigurta' Soċjali);

Illi bilkemm għandu għaliex jingħad li d-Direttur (Sigurta' Soċjali) u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni huma kapijiet differenti ta' dipartimenti differenti tal-Gvern. Il-fatt li l-Kap 318 ixebbahhom f'xi każijiet ma jbiddel xejn minn dan il-fatt. L-istess liġi speċjali tagħmilha ċara li hemm okkażjonijiet fejn iż-żewġ diretturi jkollhom interessi flimkien u mhux alternativament. Għalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti riedu jinnotifikaw ukoll lid-Direttur (Sigurta' Soċjali) bl-atti tar-rikors promotur;

Illi, madankollu, jeżisti dubju ieħor dwar kemm jista' jingħad li għalaq iż-żmien lill-intimat biex iressaq Tweġiba jew kontestazzjoni għall-

pretensjoni tar-rikorrenti. Tali dubju jinħoloq mir-regola proċedurali ġenerali maħsuba fl-artikolu 181B(3) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. Dak is-sub-artikolu jagħmilha ċara li n-nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet tiegħu iġib l-effett li ż-żmien biex issir tweġiba jew titressaq nota ta' eċċezzjonijiet ma jibdiex għaddej qabel ma tkun saret notifika tal-atti kemm lill-kap tad-dipartiment u kif ukoll lill-Avukat Ġenerali. Fi kliem ieħor hija l-fehma tal-Qorti li, apparti l-kwestjoni dwar jekk notifika waħedha lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni hijiex biżżejjed għall-finijiet ta' proċedura mressqa taħt l-artikolu 116 tal-Kap 318, id-dispożizzjonijiet dwar il-proċedura speċjali bl-ebda mod ma jidhru li jxejnu l-imsemmija regola ġenerali. Hawnhekk ma jidhirx li huwa l-każ fejn wieħed japplika r-regola li *lex specialis derogat generalis*, għaliex ma hijiex ir-rieda tal-leġislatur li dan ikun il-każ, u dan billi l-artikolu 181B(3) ma jikkwalifikax il-kliem "kull rikors, ċitazzjoni jew att ġudizzjarju ieħor" għal dawk il-każijiet kontemplati biss fil-Kodiċi proċedurali;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi dwar il-kwestjoni tal-kontumaċja tal-intimat imqanqla mir-rikorrenti billi:

**Tiddikjara** li ż-żmien għat-tressiq ta' Tweġiba għat-talba magħmula mir-rikorrenti fir-Rikors tagħhom għadu ma bediex għaddej billi l-istess rikorrenti naqsu li jwettqu l-proċess kollu tan-notifika tal-atti kif trid il-liġi, u tidderieġi għalhekk lill-istess rikorrenti *proprio* u *nomine* sabiex jirregolaw irwieħhom. L-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni jibqgħu biex jiġu determinati fid-deċiżjoni tal-aħħar.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------